press release

## DHL torganizza taħriġ għall-impjegati kollha tal-kumpanija

DHL Express Malta, li jopera minn ċentru tal-loġistika dedikat fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, organizza taħriġ għall-impjegati kollha tal-kumpanija nhar il-Erbgħa, 11 ta' Settembru, 2012, bit-tema: 'Merħba f'Pajjiżi'.

Matul is-sessjoni ta' taħriġ l-40 impjegati tal-kumpanija setgħu japprezzaw l-istorja ta' DHL f'Malta hekk kif se tiċċelebra t-30 anniversarju s-sena d-dieħla.

Ingħataw idea ċara ta' kif l-operazzjoni tiffunzjona fid-dipartimenti kollha, mill-couriers li jmorru jwasslu l-pakketti u jiġbruhom, għas-Servizz lejn il-Klijent, Finanzi, Bejgħ u Importazzjoni. Qabel is-sessjoni l-impjegati ttieħdu ħdejn l-Airbus A320 ta' lewn isfar jgħajjat u aħmar li jtir lejn Malta kuljum biex jimpurta u jesportaw pakketti tad-DHL, biex jaraw operazzjoni ta' stivar tal-ajruplan.

"Dan hu t-tieni livell ta' taħriġ għall-impjegati ta' DHL Express f'Malta," spjega Charles Schiavone, li jmexxi l-kumpanija f'Malta. "Bdejna norganizzaw taħriġ ta' Certified International Specialist (CIS) fil-livelli kollha fl-2011 bil-module CIS Foundation.

"Dan il-module ġie ripetut ix-xahar li għadda għal seba' impjegati ġodda li bdew jaħdmu mal-kumpanij mis-sena l-oħra l-hawn. Il-pass li jmiss hu li nibdew taħriġ fid-dipartimenti ndividwali peress li nixtiequ li l-impjegati tagħna jkunu speċjalisti f'dak li jagħmlu u jsegwu dak li jingħad 'Ħadd ma jaf jagħmel xogħli iżjed minni'."

L-għan ta' DHL madwar id-dinja hu li jkunu: l-impjegat tal-għażla tiegħek; dak li jipprovdi servizz tal-għażla tiegħek; u l-investitur tal-għażla tiegħek.

**– Tmiem –**

**Caption:**

**L-40 impjegat ta' DHL Express f'Malta fuq it-taraġ tal-Airbus A320, li jġib il-pakketti ta' DHL Malta kuljum. Il-Maniġer ta' Malta, Charles Schiavone, qiegħed fir-ringiela qabel l-aħħar, l-ewwel wieħed mix-xellug.**

**Media contact:**

**DHL Express – Malta Media Relations**
Malcolm J Naudi
Malcolm J Naudi Communications
Tel.: +356 2137-0495; +356 9990-0207
E-Mail: info@mjncommunications.com

**DHL** – The Logistics company for the world

DHL is the global market leader in the logistics industry and "The Logistics company for the world". DHL commits its expertise in international express, air and ocean freight, road and rail transportation, contract logistics and international mail services to its customers.
A global network composed of more than 220 countries and territories and about 275,000 employees worldwide offers customers superior service quality and local knowledge to satisfy their supply chain requirements. DHL accepts its social responsibility by supporting climate protection, disaster management and education.
DHL Express was set up as a wholly owned subsidiary in Malta in 1983. It has 41 employees and operates from a dedicated logistics centre at Malta International Airport.

DHL is part of Deutsche Post DHL. The Group generated revenue of €53 billion in 2011.

For more information: www.dp-dhl.com